MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1034/2009

**Albert Camilleri**
**I.D.839851-M**

**vs**

**Lawrence Cassar**
**I.D.318269-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lit-Tribunal jiddikjara illi l-attur biegh lill-konvenut diversi vetturi u dghajsa fosthom Vauxhall Van, Ford Orion, Peugeot u Land Rover numru ta’ registrazzjoni CAQ-691 liema bilanc ta’ prezz globali ghadu mhux imhallas fl-ammont ta’ tlett t’elef tmien mija u seba’ u sittin Ewro u hamsin centezmu (€3,867.50c) u dana kif indikat fil-kambjali li l-istess konvenut kien iffirma meta l-vetturi u d-dghajsa kienu debitament konsenjati lilu.
Illi minkejja illi interpellat diversi drabi l-konvenut baqa’ inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi mid-data ta' kull kambjala sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza. Illi l-konvenut ma xtara l-ebda vetturi u dghajsa hlief ghall-vettura CBA-271, minghand l-attur u li l-istess vettura kellha tigi skrapjata wara sitt xhur u li per konsegwenza l-istess konvenut kien kostrett jwaqqaf il-pagamenti wara li l-attur naqas li jiehu lura l-istess vettura minghand il-konvenut. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra legali mibghuta lill-attur datati 25 ta' Novembru 2009 u 11 ta' Dicembru 2009. Dokument LC1, ittra legali datata 25 ta' Novembru 2009, Dokument LC2, ittra legali datata 11 ta' Dicembru 2009.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti minnhom.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-attur irrizulta illi l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' tlett t'elef tmien mija u seba' u sittin Ewro u hamsin centezmu (€3,867.50c) ghall-bejgh lill-konvenut ta' diversi vetturi, tal-marka Vauxhall, Ford Orion, Peugeot, Land Rover u wkoll ta' dghajsa. Spjega kif il-partijiet kienu hbieb u l-konvenut kien jitlob lill-attur xi karozza sabiex ibieghha, u hekk jaqla' lira. L-attur kien jghidlu biex jigborlu l-ewwel pagament u l-kumplament jithallsu kull xahar. Il-partijiet kienu jiftehmu dwar il-prezzijiet li kien qed jitlob l-attur ghal kull vettura, u kwalunkwe differenza u zieda fil-prezz seta' jzommha ghalih il-konvenut.

Illi mill-atti rrizulta illi l-prezz tad-dghajsa kien ta' elfejn, mitejn u tlettax-il Euro (€2,213) (Dok. AC 5, *a fol.* 40 *et*

*seq*), minn liema prezz l-attur isostni li thallas l-ammont ta' elf, erba' mija u erbatax-il Ewro (€1,414). Il-vettura tal-marka Vauxhall inbieghet versu l-prezz ta' disa' mija u tnejn u tletin Ewro (€932) (Dok. AC 1, *a fol.* 18 *et seq*), minn liema prezz l-attur thallas biss tlett mija u sittax-il Ewro (€316.00). Il-vettura tal-marka Peugeot li l-prezz taghha kien ta' elf, tmien mija u erbgha u sittin Ewro (€1,864) (Dok. AC 2, *a fol.* 23 *et seq*), minn liema prezz thallas l-ammont ta' tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsin centezmu (€815.50c). Il-vettura tal-marka Land Rover li nbieghet versu l-prezz ta' elf disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro (€ 1,922) (Dok. AC 4, *a fol.* 34 *et seq*), li ghalha l-attur ircieva biss is-somma ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€ 928). Il-vettura tal-marka Ford Orion, li nbieghet versu l-prezz ta' elf u tmienja u erbghin Ewro (€1,048) (Dok. AC 3, *a fol.* 29 *et seq*), minn liema prezz l-attur ircieva biss hames mija u tmenin Ewro (€580).

Illi l-attur ikompli jghid illi dawn il-vetturi kollha ttiehdu mill-konvenut wahda wahda, u ma' kull konsenja kienu jiftehmu dwar il-prezz, oltre illi l-konvenut kien jiffirma kuntratt ta' xiri u wkoll il-kambjali.

Illi l-attur xehed ukoll, illi dwar il-Vauxhall saru pagamenti direttament mill-akkwirent, certu Jerry, izda imbaghad waqaf ghaliex qal illi kellu x'jaqsam mal-konvenut dwar il-pagamenti, u mhux mieghu. L-istess jidher li stqarret mieghu Janet Attard, li hadet il-Ford Orion; kien hemm ftehim maghha li kellha tati l-pagamenti lill-attur, izda imbaghad waqfet. Anke fir-rigward tal-vettura tal-marka Peugeot, l-attur stqarr li kien qed jircievi hlas direttament minghand l-akkwirent, certu Michael Attard (il-kunjom jidher li huwa Tabone). L-attur xehed illi dawn il-persuni kien dahal fi ftehim maghhom direttament ghaliex il-konvenut kien qal li ma kienx qed jithallas minghandhom.

Illi fir-rigward tal-Land Rover, l-attur isostni li din giet akkwistata mill-konvenut ghalih stess, u l-hlas ghaliha kien qed isir mill-mara tal-konvenut. Skond l-istess attur, din il-vettura imbaghad inbieghet, u l-konvenut waqqaf il-pagamenti. Dwar id-dghajsa, l-attur jghid illi kienu saru xi pagamenti tramite ta' certu Dario, izda imbaghad dawn il-

pagamenti waqfu wkoll. L-attur isostni illi l-vetturi u d-dghajsa in kwistjoni qatt ma gew ritornati lilu.

Illi l-attur xehed ulterjorment sabiex jispjega n-negozju li kien sar ma' Dario Azzopardi dwar id-dghajsa, u cioe' illi sar tpartit ta' mutur u dghajsa ma' Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni MWA-007. Inoltre xehed illi inqala' dizgwid bejn il-partijiet ghaliex allegatament il-konvenut kien qed jircievi pagamenti minghand terzi u kien qed jonqos milli jghaddihom lill-attur. Jichad li kien hemm arrangament bejn il-partijiet illi l-konvenut kellu jircievi mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe' ekkwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c), ghal kull vettura li jbiegh, u jghid li l-ftehim mal-konvenut kien fis-sens illi l-partijiet jiftehmu prezz, u imbaghad kwalunkwe ammont in eccess tal-prezz miftiehem li l-konvenut kien jernixxilu jigbor, seta' jzommhom l-istess konvenut ghalih stess.

Il-konvenut xehed u ddikjara li gharaf il-firma tieghu fuq l-iskritturi kollha mmarkati bhala Dok. AC1 sa AC5. B'referenza ghal Dok. AC2, relattiv ghall-vettura tal-marka Peugeot, din giet akkwistata minn iben il-konvenut, u cioe' minn Steve Cassar, u l-konvenut isostni li din giet ritornata lura lill-attur, li mbaghad rega' bieghha lil haddiehor, u cioe' lil certu Michael Tabone. Il-konvenut ikkonferma li l-Land Rover u d-dghajsa xtrahom hu ghalih, u b'referenza ghall-Land Rover jghid illi wara xi zmien induna li kellha x-chassis maqsum. Jghid ukoll illi wara li ghamel diversi tentattivi sabiex jirritorna din il-vettura lill-attur, u dan ma accettax, gie kostrett li jiskrappjaha.

Illi dwar id-dghajsa l-konvenut xehed illi akkwistaha minghand Dario Azzopardi. Dwar din id-dghajsa ffirma l-kambjali, u jghid li kien fadal mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) u cioe' ekkwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) bilanc x'jithallas fuqha, izda dan Dario Azzopardi, minghand min jghid li xtraha, kien qallu biex ma jhallashomx.

Illi l-konvenut jghid illi l-iskritturi Dok. AC1 sa Dok. AC3 kien iffirmahom taht l-impressjoni li kien qed jiffirmahom bhala xhud, mhux akkwirent, u li jekk isib il-bejgh taghhom lil terzi, l-attur jaghtih mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe' ekkwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) ghal kull vettura. L-istess konvenut jghid illi rcieva mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe' ekkwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) minghand l-attur darba wahda biss.

Illi dwar id-dokumenti AC4 u AC5, ikkonferma li gharaf il-firma tieghu kemm fuq l-iskrittura kif ukoll fuq il-kambjali. L-istess konvenut stqarr ukoll li ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsin Lira Maltin (Lm550) u cioe ekkwivalenti ghal elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1,281.16c) bhala bilanc minn prezz miftiehem fuq din il-vettura u dghajsa.

Illi in kontroezami l-konvenut xehed illi l-pagamenti tal-Land Rover waqqafhom minhabba li rrizulta li din il-vettura kienet maqsuma u ma kienitx ser tghaddi mill-VRT, u eventwalment giet *scrapped* (Dok. LC2 *a fol.* 53 u Dok. Z1 *a fol.* 80). Iddikjara illi meta sar jaf li kellha x-chassis maqsum, kienu ghaddew madwar tmien-(8) xhur. L-istess konvenut isostni wkoll li l-pagamenti ghad-dghajsa kien jghaddihom lil Dario Azzopardi. Dwar il-Ford Orion, kien gabar xi pagamenti minghand il-persuna li xtrat din il-vettura, izda jghid li ghaddihom kollha lill-attur.

Ikkunsidra:

Illi mill-avviz tat-talba, u mill-mod kif gew stradati l-proceduri, irrizulta ili l-azzjoni proposta mill-attur hija l-azzjoni kambjarja. Illi mix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet jidher li bhala stat ta' fatt qablu illi l-vettura tal-marka Land Rover u d-dghajsa gew akkwistati mill-konvenut ghalih stess, u fil-fatt l-istess konvenut iffirma sett ta' kambjali ghall-prezz miftiehem. Illi l-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq dawn il-kambjali, u stqarr u rrikonoxxa wkoll illi kien ghad fadal bilanc dovut lill-attur in konnessjoni ma' dawn iz-zewg oggetti fl-ammont ta' madwar hames mija u hamsin Lira Maltin (Lm550) u cioe

ekkwivalenti ghal elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1,281.16c) (*a fol.* 50). Illi t-Tribunal ma jistax ma jaghtix importanza ghal dawn iz-zewg fatturi, u cioe' r-rikonoxximent mill-istess konvenut illi l-firem fuq il-kambjali ezebiti mill-attur in konnessjoni ma' din il-vettura u d-dghajsa, huma tieghu, oltre stqarrija li permezz taghha irrikonoxxa li ghadu debitur tal-attur fl-ammont minnu imsemmi.

Illi l-konvenut jittenta jressaq bhala difiza l-fatt illi l-vettura in kwistjoni, u cioe' dik tal-marka Land Rover, giet *scrapped* sabiex jigi ezentat mill-hlas tal-bilanc dovut in konnessjoni ma' din il-vettura. Illi tali difiza ma treggix, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi ma jirrizultax li l-istess konvenut ressaq xi azzjoni sabiex jitlob li tali kambjali jigu impunjati u dikjarati nulli, u lanqas ma jidher li giet proposta xi azzjoni sabiex jigi dikjarat illi l-vettura in kwistjoni kienet affetta minn xi difett mohbi jew li ma kienitx tal-kwalita' pattwita.

Illi l-istess ghandu jinghad f'dak li jirrigwarda d-dghajsa, li mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenut iffirma sett kambjali ghaliha a favur tal-attur ghall-bilanc tal-prezz li kien ghadu dovut.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis it-talba tal-attur ghall-hlas tal-bilanc ghal dawn iz-zewg oggetti, bhala gustifikata, u a bazi tal-kopji tal-kambjali li gew pprezentati u jinsabu in atti, il-bilanc dovut mill-konvenut in konnessjoni ma' dawn iz-zewg oggetti huwa fl-ammont ta' elf, seba' mija u tnejn u disghin Ewro (€1,792.00), u cioe' tmien-(8) kambjali ta' mija u sittax-il Ewro (€116) kull wahda u kambjala wahda ta' hamsa u disghin Ewro (€95) in konnessjoni mal-Land Rover, filwaqt illi f'dak li jirrigwarda d-dghajsa, fadal pendenti hames-(5) kambjali ta' mija u sittax-il Ewro (€116) kull wahda u kambjala wahda ta' mija u disgha u tmenin Ewro (€189).

Illi f'dak li jirrigwarda t-tliet-(3) vetturi l-ohra, u cioe' l-Vauxhall, il-Ford Orion u l-Peugeot, mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta s-segwenti: F'dak li jirrigwarda l-Vauxhall, gew ezebiti kopji ta' serje ta' kambjali kollha

mhazza (*a fol. 20 sa 22*), u ghalkemm fuqhom jidher li hemm il-firma tal-konvenut, ma jirrizultax a sodisfazzjon tat-Tribunal jekk il-konvenut huwiex effettivament firmatarju fuqhom bhala debitur, jew jekk id-debitur huwiex il-persuna l-ohra li ffirmat fuq il-kambjali, certu Joseph Urry. Illi fil-fatt, fir-rigward ta' din il-vettura gie rilevat waqt id-deposizzjoni tal-attur, illi din inbieghet lil certu Jerry, u li l-attur anke rcieva pagamenti direttament minghand din il-persuna. Illi dan oltre l-fatt illi skond il-kopja tal-log book ta' din il-vettura (fuq il-faccata ta' wara tad-Dok. AC1 *a fol.* 18) jidher illi din il-vettura giet irregistrata f'isem certu Gerald Rapinett. Illi ghalhekk m'huwiex car dwar x'jittrattaw il-kambjali li jinsabu *a fol.* 20 sa 22, u ghalhekk it-Tribunal ma jistax iqis it-talba tal-attur ghall-hlas minghand il-konvenut tal-ammont rizultanti minn dawn il-kambjali bhala gustifikata.

Illi f'dak li jirrigwarda l-vettura tal-marka Peugeot, jidher minn Dok. AC2 (*a fol.* 23) illi din inbieghet lil Steve Cassar – li l-konvenut iddikjara li huwa ibnu – u li eventwalment din inbieghet lil certu Manuel Tabone (*a fol.* 24). Illi min Dok. AC2 jirrizulta illi ma tezisti ebda relazzjoni kummercjali, u konsegwentement guridika, bejn il-partijiet f'din il-kawza f'dak li jirrigwarda l-bejgh ta' din il-vettura, u ghalhekk ma tqisx it-talba tal-attur ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz minghand il-konvenut ghal din il-vettura bhala gustifikata.

Illi f'dak li jirrigwarda l-vettura tal-marka Ford Orion, jirrizulta sodisfacentement mid-dokumenti ezebiti mill-attur stess illi ghandu fil-pussess tieghu sett ta' kambjali ffirmati minn certa Jenny Attard (*a fol. 31 u 32*), bhala debitrici tal-istess attur ghall-ammont rizultanti minn tali kambjali. Illi ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, it-Tribunal iqis it-talba tal-attur ghall-hlas ta' dan il-bilanc minghand il-konvenut, bhala wahda mhux gustifikata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u ppruvata *in parte*, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut, jilqa' biss *in parte* t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma

ta' elf seba' mija tnejn u disghin Ewro (€1,792.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------